31972R0679

5.4.1972 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 81/1

# IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 679/72 TAL-KUMMISSJONI
## tad-29 ta' Marzu 1972
## fuq il-klassifikazzjoni ta' oġġetti taħt l-intestaturi jew is-subintestaturi nru 69.11, 69.13 B u 69.14 A tat-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 [1] tas-16 ta' Jannar 1969 fuq il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiżguraw l-applikazzjoni uniformi tat-Tariffa Komuni Doganali, u partikolarment Artikolu 3 tagħha;

Billi għandha ssir dispożizzjoni biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tat-Tariffa Komuni Doganali biex ikunu klassifikati prodotti ta' "*vitreous china*" jew "*semi-vitreous china*" li huma prodotti taċ-ċeramika li saru vitrifikati ħafna jew ftit, ta' materjal ċeramiku xi ftit griżi fl-abjad jew kulurit artifiċjali li huwa lixx fuq l-ilsien;

Billi t-Tariffa Komuni Doganali annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 [2] tat-28 ta' Ġunju 1968, kif l-aħħar emendat bir-Regoment tal-Kunsill (KEE) Nru 1/72 [3] tal-20 ta' Diċembru 1971, tikkomprendi taħt l-intestaturi jew subintestaturi Nru 69.09 A, 69.11, 69.13 B u 69.14 A prodotti tal-porċellana, u taħt l-intestaturi jew subintestaturi Nru 69.09 B, 69.12, 69.13 A, 69.13 C u 69.14 B il-prodotti korrispondenti ta' materjali taċ-ċeramika oħra;

Billi għal-għanijiet ta' klassifikazzjoni fit-Tariffa Komuni Doganali tal-prodotti fuq imsemmija ta' "*vitreous china*" jew "*semi-vitreous china*", għandhom jitqiesu l-propjetajiet speċjali tal-porċellana, jiġifieri, porosità, densità u translucidità;

Billi prodotti "*vitreous china*" jew "*semi-vitreous china*" għandhom ikunu klassifikati taħt l-intestauri jew subintestaturi Nru 69.09 A, 69.11, 69.13 B jew 69.14 A, kif xieraq, meta, simultanjament, ikollhom fost oħrajn il-propjetajiet li ġejjin:

— porożità li ma taqbiżx 3 %,

— densità ta' 2 72 jew iżjed,

— translucidità fejn il-materjal ċeramiku mhux iżjed minn bejn weħed u l-ieħor 3 mm oħxon, mhux kulurit fil-korp, u lanqas miksi b'vernic jew enamel kulurit jew opak;

Billi hu mixtieq li jkunu preskritti metodi ta' analiżi biex il-porożità u t-translucidità tal-prodotti in kwistjoni jistgħu jkunu stmati uniformement;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-Opinjoni tal-Kumitat fuq in-Nomenklatura tat-Tariffa Komuni Doganali;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

"*Vitreous china*" jew "*semi-vitreous china*" li huma prodotti taċ-ċeramika li ġew vitrifikati ftit jew ħafna ta' materjal xi ftit griż fl-abjad jew kulurit artifiċjalment li huwa lixx fuq l-ilsien, għandhom, kif xieraq, ikunu klassifikati taħt l-intestaturi jew subintestaturi Nru 69.09 A, 69.11, 69.13 B jew 69.14 A tat-Tariffa Komuni Doganali fejn, simultanjament, ikollhom il-propjetajiet li ġejjin:

(a) grad ta' porosità (ko-effiċjenti ta' asssorbiment ta' l-ilma) li ma jaqbiżx 3 %, mkejla skond il-metodu provdut f'Anness I;

(b) densità ta' 2 72 jew iżjed;

---

[1] ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.
[2] ĠU L 172, tat-22.7.1968, p. 1.
[3] ĠU L 1, ta' l-1.1.1972, p. 1

(ċ) translucidità, fejn il-ħxuna mhix iżjed minn bejn wieħed u ieħor 3 mm, mkejla skond il-metodu provdut f'Anness II.

Dan l-aħħar kriterju m'għandux japplika, iżda, fejn il-materjal ċeramiku huwa kulrit fil-korp jew huwa miksi b'verniċ jew enamel kulurit jew opak.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tmien ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fid-29 ta' Marzu 1972.

*Għall-Kummissjoni*

S. L. MANSHOLT

*Il-President*

*ANNESS I*

## DETERMINAZZJONI TAL-KOEFFIĊJENT TA' L-ASSORBIMENT TA' L-ILMA

### Għan u Definizzjoni

L-għan tat-test huwa li jkun determinat l-koeffiċjent ta' l-assorbiment tal-ilma tal-materjal taċ-ċeramika. Dan il-koeffiċjent jirrappreżenta perċentwal kalkolat f'relazzjoni mal-piż inizzjali tal-materjal taċ-ċeramika.

### Preparazzjoni tal-biċċiet tal-prova u t-twettiq tal-provi

Għandu jkun hemm minimu ta' tliet biċċiet tal-prova għal kull oġġetti li għandu jkun pruvat. Għandhom jittieħdu mill-partijiet smaltati ta' l-istess artikolu u m'għandhomx ikollhom iżjed minn wiċċ wieħed smaltat.

L-arja tal-wiċċ tal-biċċa tal-prova għandha tkun madwar 30 ċentimetru kwadrat u l-ħxuna massima xi 8 millimetri, inkluż l-enamel.

Nixxef il-biċċiet tal-prova f'forn ta' 105 °C għall-3 siegħat u, wara tnixxif f'*dryer*, iddetermina il-piż tagħhom (Wd) sal-eqreb 0 705 gramma. Imbagħad għerreq immedjatament il-biċċiet tal-prova f'ilma distillat b'mod li ma jmissux il-qiegħ tal-kontenitur.

Agħlli l-ilma għall-sagħtejn, u mbagħad ħalli l-biċċiet tal-prova fl-ilma għall-għoxrin siegħa. Neħħihom u neħħi l-ilma tal-wiċċ b'ċarruta nadifa ftit niedja. Ixxotta l-kavitajiet u t-toqob b'broxk irqieq ftit niedi. Ikkostata l-piż "mxarrab" Ww. Il-koeffiċjent ta' l-assorbiment ta' l-ilma tal-biċċiet tal-prova jinkseb billi tkun moltiplikata ż-żieda fil-piż b'100 u tkun diviża bil-piż niexef:

$$\left(\frac{Ww - Wd}{Wd} \times 100\right)$$

### Valutazzjoni tar-rizultati

Il-medja tal-koeffiċjenti ta' l-assorbiment ta' l-ilma ta' biċċiet differenti tal-prova, espressi bħala perċentwal, hija l-koeffiċjent ta' l-assorbiment ta' l-ilma tal-materjal taċ-ċeramika.

*ANNESS II*

## TEST TAT-TRANSLUĊIDITÀ

### Definizzjoni

Il-profil ta' l-oġġett għandu jkun visibbli permezz ta' biċċa ta' prova bejn ħxuna ta' 2 u 4 millimetri mqiegħda f'kamra mudlama 50 ċentrimetru minn lampa ġdida magħluqa f'kaxxa u li minnha joħroġ raġġ ta' dawl ta' bejn 1350 u 1500 lumens. Il-lampa trid tinbidel wara 50 siegħa użu.

### Apparat tal-prova

(ara l-iskizz mehmuż)


L-apparat jikkonsisti f'kaxxa miżbugħa internament f'passata bajda matta. F'tarf minnhom titqiegħed il-lampa (A). Issir toqba fit-tarf l-ieħor biex il-profil ta' l-oġġett (B) jista' jidher mill-biċċa tal-prova (Ċ).

Id-dimensjonijiet tal-kaxxa huma kif ġej:

— tul: tul tal-lampa, kif ukoll 50 ċentimetru

— wisa' u għoli: bejn wieħed u ieħor 20 centimetru

id-diametru tat-toqba huwa bejn wieħed u ieħor 10 ċentimetri.


C
B
50 cm
A
8

